## ABBOZZ TA’ LIĠI
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta’ Malta (Kap. 334).*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità ta’ l-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att ta’ l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta’ Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma’ l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta’ Malta, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 334.

**2.** Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att prinċipali.

(a) fit-tieni proviso tiegħu, minflok il-kliem "m’għandux jitqies li jkun titolu simili għal bejgħ;" għandhom jidħlu l-kliem "m’għandux jitqies li jkun titolu simili għal bejgħ:" u

(b) minnufih wara l-imsemmi tieni proviso, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-Awtorità, bl-approvazzjoni tal-Ministru, tista’ toħloq servitujiet u drittijiet oħra simili fuq

arei kompriżi f'żona ta' Port Ħieles favur art oħra li tinsab barra żona ta' Port Ħieles kull meta dawn id-drittijiet ikunu meħtieġa għall-użu xieraq ta' din l-art;".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz huma biex jiżdiedu s-setgħat ta' l-Awtorità dwar il-Portijiet Ħielsa skond id-disposizzjoni relativa tal-liġi, biex jiġi inkluż il-ħolqien ta' servitujiet u drittijiet simili taħt ċerti kondizzjonijiet.

---